# 75. Mariros, is-Sena t-Tajba!

Sew f'nofs il-lejl stejqret min-nagħas u semgħet
is-sfafar tal-vapuri għalenija
isellmu 's-sena li għaddiet bil-ferħa
u ' s-sena l-ġdida.

"Is-sena t-tajba, Ma!", qalet lil ommha;
"Is-sena t-tajba, binti", dik weġbitha,
u wara ftit tal-ħemda reġgħu raqdu
raqda fil-fond.

'Mma fl-erbgħa ta' filgħodu semgħet 'l ommha
tgħajtilha tqum, u kellha tħalli l-marqad,
daqsxejn ta' friex b'erba' tibniet u kutra
imqattgħa kollha.

Ħallset bil-kemm kemm xagħ'rha u bl-istess libsa
li raqdet biha telqet barra tterter
għal ġewwa l-għalqa; ix-xita kienet tqattar
l-ajru magħluq;

Qatgħet il-ġdur u l-krafes u rabtitu
faxx faxx u ħarġet kull mnejn tgħaddi, tħalli
ringiela ta' saqajn u żewġ gandotti
tal-karettun.

Min mar is-suq ra 'l Mariros imkerċħa,
b'libsa tal-iskoċċiża ħadra u rqiqa,
u b'par idejn u b'par saqajn ħamrana
qishom fuħħar,

Daqqa mdawra bin-nies u tinnegozja,
taqta' l-izkuk u l-weraq kbir ta' barra
minn mal-ħaxix u tagħti s-sena t-tajba
lil kull xerrej,

Daqqa tistkenn ma' bieb kull xħin ix-xita
tbattal is-suq min-nies u fin-nofs tħalli
imwejjed bl-inċirati, tjur u biegħa,
u ħmir imxarrba.

Qrib nofsinhar marret id-dar maħsula,
’mma fuq il-mejda sabet jistennieha
serduk daqshiex li ġewwa l-mandra zzagħbel
tul sena sħiħa.

“Is-sena t-tajba, Ma!”, qalet lil ommha;
“Is-sena t-tajba, binti”, dik weġbitha,
u t-tnejn kielu bil-qalb u raqdu raqda
sa filgħaxija.

Kif semgħu l-aħħar telqu lejn il-knisja
għall-prietka tal-Bambin u talbu u ferħu
bil-għana tal-Milied mat-tfal u s-sfafar
u t-tamburlin.